**30 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S. - A/President**

Kummissarju ta' l-Art

*versus*

Rosaria Schembri *et*

**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għall-Skopijiet Pubbliċi - Kap. 88 - Esproprjazzjoni - Kumpens dwar**

*Ġie ddikjarat irritu u null l-appell għaliex minn sentenzi tal-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet ma hemmx appell fuq il-*quantum *ta' kumpens iffissat.*

Il-Qorti:-

Wara li r-rikorrent appellat ippremetta li b'ittra uffiċjali tad-19 ta' Novembru, 1974, l-intimati ġew innotifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali fejn fost affarijiet oħra ġie ddikjarat li biċtejn art f'Hal Għaxaq, waħda tal-kejl ta' 71.5 metri kwadri tmiss mit-tramuntana ma' Għaxaq By-Pass, mil-lbiċ ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor, Sliema u mix-xlokk ma' proprjetà ta' Joseph Schembri, u l-oħra tal-kejl ta' 1930.3 metri kwadri u tmiss mill-majjistral ma' proprjetà ta' Mons. Lorenzo Spiteri, mit-tramuntana ma' Għaxaq By-Pass u mil-lvant ma' Sqaq Ċawliet, huma meħtieġa għal skopijiet pubbliċi u li l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut u illi l-intimati ġew ukoll innotifikati b'avviż għall-ftehim fejn ġew infurmati li l-kumpens li l-awtorità kompetenti hija lesta biex tħallas għax-xiri assolut bħala franka u libera ta' biċtejn art fuq imsemmija huwa ta' wieħed u tmenin lira Maltija (Lm81.00,0) u ta' elfejn u ħamsa u disgħin lira Maltija (Lm2,095.00) kif jidher per rapport tal-Perit Edgar Xuereb A. & C.E. tat-28 ta' Diċembru, 1973 li estratt tiegħu huwa anness ma' l-istess Avviż għall-Ftehim, u illi b'ittra uffiċjali ta' l-24 ta' Diċembru, 1974, l-appellanti ddikjaraw li ma jaċċettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens għandu jkun ta' tletin lira Maltija kull qasba kwadra ta' art fabbrikabbli u għalhekk l-appellat talab li jiġi ordnat lill-appellanti biex jittrasferixxu favur l-appellat b'titolu ta' xiri assolut bħala franka u libera l-biċtejn art fuq imsemmija, li jiġi ffissat il-kumpens relattiv, li jiġi nnominat in-Nutar Vincent Miceli bħala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jagħmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-ġurnata, ħin u lok li jiġu stabbiliti, li jiġi nnominat kuratur biex jidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-att u li jingħataw il-provvedimenti l-oħra kollha meħtieġa skond id-disposizzjoni ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88);

B'sentenza mogħtija mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet fit-13 ta' Ottubru, 1995 dak il-Bord iddeċieda li għandu

jordna lill-intimati appellanti biex jittrasferixxu favur l-appellat b'titolu ta' xiri assolut bhala franki u liberi l-biċtejn art f'Hal Ghaxaq, waħda tal-kejl ta' 71.5 metri kwadri tmiss mit-tramuntana ma' Għaxaq By-Pass, mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Knisja Parrokjali ta' San Girgor, Sliema u mix-xlokk ma' proprjetà ta' Joseph Schembri u l-oħra tal-kejl 1930.3 metri kwadri u tmiss mill-majjistral ma' proprjetà ta' Mons. Lorenzo Spiteri, mit-tramuntana ma' Għaxaq By-Pass u mil-Lvant ma' Sqaq Ċawliet u dan bil-kumpens ta' mitejn, seba' u sebgħin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmi flus maltin (Lm277.75,0) u ta' sebat elef u disa' u disgħin lira u erba' u disgħin ċenteżmi flus maltin (Lm7,099.94,0) rispettivament kif murija, dawn il-biċtejn art, fil-pjanta tal-proċess delineati bl-aħmar u bl-ikħal rispettivament u nnominat lin-Nutar Dottor Vincent Miceli bħala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jagħmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fit-22 ta' Jannar, 1996 b'nofs in-nhar u nnominat lill-Avukat Dottor Ian Spiteri Bailey LL.D., biex jidher għall-kontumaċi fuq l-istess att bl-ispejjeż kollha relattivi għall-proċeduri u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jitħallsu mir-rikorrenti appellat;

Ir-rikorrenti appellanti ħassu ruħhom aggravati bl-imsemmija sentenza u interponew appell minnha fuq l-aggravju segwenti;

Illi fl-ewwel lok l-appellanti jilmentaw mill-fatt li l-imsemmi Bord naqas milli jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellat naqas li jagħmel użu mill-art li huwa esproprja għal skopijiet pubbliċi għajr għat-tpoġġija ta' bust kommemorattiv fuq biċċa relattivament żgħira ta' l-istess art u għalhekk din l-art hija fil-maġġor parti tagħha sal-lum mitluqa u mhux żviluppata minkejja li għaddew għoxrin sena mill-istess esproprjazzjoni;

Illi l-art meritu ta' dan l-appell hija art fabbrikabbli skond

il-liġi u li dan ifisser li l-kumpens illikwidat ma huwa bl-ebda mod ġust u għandu jiġi rivedut aktar u aktar meta fix-xhieda quddiem il-Bord intqal li l-periti arkitetti ta' l-intimati appellanti stmaw l-art f'valur inkomparabbli ma' dak li llikwida l-Bord;

Illi r-rikorrenti appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt illi l-imsemmi Bord ma setax anqas jinjora l-Att ta' l-1987 li ppermetta li dan il-pajjiż jidħol taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ewropeja. Illi dan qed jiġi rrilevat għax f'ebda hin ma sar aċċenn għal din il-liġi u huwa sottomess li l-Bord kellu jieħu in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet tat-13 ta' Ottubru, 1995 fl-ismijiet premessi billi tillikwida lir-rikorrenti *nomine* kumpens aktar xieraq kif imfisser fl-ittra uffiċjali tagħhom ta' l-24 ta' Diċembru, 1974 u ċjoè Lm66,059.40 jew ammont verjuri li tiffissa din il-Qorti jew in vista li ma sar ebda użu mill-art in kwistjoni u għalhekk mhux minnu li l-art hija bżonn li juża għal skopijiet pubbliċi, kif ġie ddikjarat fl-ittra uffiċjali tad-19 ta' Novembru, 1974, tirrilaxxja l-artijiet favur ir-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

L-intimati appellati wieġbu:

Illi l-appell odjern huwa irritu u null stante li assolutament ma jista' jsir ebda appell minn deċiżjoni tal-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet li tkun iddeterminat u llikwidat il-kumpens dovut mill-esponent, konsegwentement għall-esproprjazzjoni ta' art u dana ai termini ta' l-artikolu 25 (4) tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għalhekk, l-appell ordjern għandu jiġu miċħud bħala infondat fid-dritt u null, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Ma saret ebda sottomissjoni ġdida minn dak li jidher fl-atti tal-kawża;

Ikkunsidrat illi l-artikolu 25 (4) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta Malta jgħid illi ma hemmx appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet dwar xi waħda mill-materji msemmijin fl-istess artikolu. Illi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 jikkomprendi *inter alia* l-materji kollha inklużi fid-deċiżjoni appellata, jiġifieri fejn il-Bord jordna;

Illi jingħata pussess minnufih ta' art lill-awtorità kompetenti;

Li t-trasferiment ta' art lill-awtorità kompetenti bi proprjetà assoluta jew b'dominju pubbliku;

Li art tiġi mqiegħda taħt servitù;

It-tmiem ta' kiri;

Li jiffissa l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza u għal dan l-iskop jiddikjara jekk hix art tajba għall-bini jew art mogħxa;

L-esekuzzjoni tad-deċiżjoni tiegħu;

Il-liġi surreferita ssemmi ukoll x'għandha tkun il-proċedura fil-każ li jitqajmu kwistjonijiet oħra mhux kif indikati fil-paragrafu preċedenti - però żgur mhux permezz ta' appell. Minbarra dan, apparti li t-tielet aggravju ma jirriżultax sostnut minn sottomissjonijiet speċifiċi - f'kull każ aggravju simili jew jagħti lok għal ritrattazzjoni jew jissussistu l-elementi meħtieġa kkontemplati fil-liġi tal-proċedura, jew inkella huwa każ ta'

proċedura *ad hoc* jekk tabilhaqq dan huwa l-każ, però ċertament mhux postu fi proċedura ta' appell meta tali appell mhux prevvist *ex lege*. Kwindi tiddeċidi li l-appell interpost huwa null. Għal dawn ir-raġunijiet: Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fit-13 ta' Ottubru, 1995, tiċħad l-appell tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti, b'dan li għall-fini tal-pubblikazzjoni ta' l-att nutarili opportun, filwaqt li tħalli l-istess uffiċjali nnominati mill-Bord ta' l-Arbitraġġ, tiffissa l-jum tat-22 ta' Settembru, 1997 f'nofs-in-nhar fl-uffiċċju indikat min-Nutar Dottor Vincent Miceli Demajo LL.D.